



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

2013/0029(COD)

28.10.2013

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

għall-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2012/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 li tistabbilixxi żona ferrovjarja unika Ewropea, fir-rigward tal-ftuħ tas-suq tas-servizzi tat-trasport ferrovjarju domestiku tal-passiġġieri u l-governanza tal-infrastruttura ferrovjarja (COM(2013)0029 – C7-0025/2013 – 2013/0029(COD))

Rapporteur (għal opinjoni): Joachim Zeller

PA_Legam

PE514.715v03-00

2/17

AD\1008118MT.doc

MT

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Ir-rapporteur jilqa' l-proposti tal-Kummissjoni, billi tnaqqas il-burokrazija u żżid il-kwalità tal-aċċess iffaciltat fis-suq u l-effċjenza tat-trasport ferrovjarju ġewwa l-Ewropa, u b'hekk tikkontribwixxi għall-ħolqien ta' suq ferrovjarju intern. Madankollu, fil-kuntest tal-konsultazzjoni estensiva, il-partijiet interessanti fir-reġjuni, bħal pereżempju sistemi ta' netwerk ta' trasport reġionali, spiss kienu jikkritikaw li l-bidliet sostanzjali u frekwenti jew ir-reviżjonijiet tal-atti legali ma jikkontribwixxu għal qafas ġuridiku stabbli u affidabbi.

Il-proposta tal-Kummissjoni għas-separazzjoni stretta bejn l-infrastruttura u t-trasport tinjora s-sitwazzjoni partikolari tan-numru kbir ta' infrastrutturi tal-ferroviji żgħar u medji (bħal pereżempju ferroviji lokali, ferroviji storiċi, ferroviji żgħar, ferroviji tal-port u tal-mini), li huma ġeneralment organizzati bħala impriżza integrata, iżda mhumiex ta' importanza strateġika għall-funzjonament tas-suq tat-trasport ferrovjarju Ewropew. Separazzjoni stretta bejn dawn il-kumpaniji, ġeneralment b'inqas minn 50 impjegat, tkun sempliċiment assoċjata ma' spejjeż addizzjonali kunsiderevoli, organizzattivi u operazzjonali, permezz ta' duplikazzjoni meħtieġa ta' strutturi tal-persunal. Is-sitwazzjoni ġenerali ta' ekonomija prekarja tal-infrastrutturi ferrovjarji reġionali qiegħda tipperikola l-eżistenza tal-istess infrastrutturi.

Ir-rapporteur jilqa' t-tiċċihi tal-amministraturi tal-infrastruttura kif ukoll it-twaqqif ta' kumitat ta' koordinazzjoni, sabiex jissorveljaw l-attivitàajiet tal-amministraturi tal-infrastruttura hekk imsaħħha. Għandu jiġi żgurat li l-awtoritajiet lokali jkunu sistematikament u mhux biss "possibbilment" involuti. Dan it-tiċċihi għandu jirriżulta wkoll f'ħatra ta' punti ta' kuntatt kompetenti għall-amministraturi tal-infrastruttura fir-rigward tar-relazzjonijiet mal-awtoritajiet lokali u reġionali.

Barra minn hekk, ir-rapporteur jappoġġja l-proposta tal-Kummissjoni għall-kooperazzjoni bejn l-amministraturi tal-infrastruttura f'netwerk Ewropew, sabiex tiġi fi ħdan l-Ewropa implimentata sistema ta' trasport li hija essenzjali biex ittaffi l-problema tal-operazzjoni ta' trasport transfruntiera.

Ir-rapporteur japprova wkoll il-poteri msaħħha tar-regolaturi. Madankollu, l-awtoritajiet lokali u reġionali jeħtieġu perjodu raġonevoli għat-talba tagħhom għal reviżjoni tal-valutazzjoni tal-effetti ġžiena tal-bilanċ ekonomiku ta' servizz.

Ir-rapporteur jilqa' l-proposta li d-dħul tal-amministraturi tal-infrastruttura għandu jintuża biss għall-operazzjoni tal-istess infrastruttura. Jekk ħlasijiet ta' dividendi jibqgħu possibbli, l-ambitu tagħhom għandu jiġi regolat. Hħlasijiet ta' dividendi li jammontaw għal trasferiment ta' profiti għandhom ikunu projbiti. Mhuwiex raġonevoli li sanżjonijiet u r-restrizzjonijiet ta' drittijiet għal accċess fis-suq jirriżultaw minn sempliċiment suspett ta' ksur tar-regoli. L-eliminazzjoni immedjata ta' impriżza suspettata tikkastigħha qabel il-fatt u tagħmel īxsara lill-kompetizzjoni. Projbizzjoni tal-bidla ta' persunal anzjan fi ħdan l-amministraturi tal-infrastruttura u impriżi tat-trasport f'imprizzi involuti tillimita wkoll b'mod sproporzjonat lill-impriżi u l-impjegati tagħhom. Barra minn hekk, dan muuwiex prattikabbli minħabba li jwassal għal telf konsiderevoli ta' know-how kif ukoll ħafna snin ta' esperjenza professjonal. Ta' spiss ir-reġjuni jirrapportaw problemi fil-koordinazzjoni tas-sistemi tal-biljetti bejn kumpaniji ferrovjarji u l-awtoritajiet lokali relevanti, b'mod speċjali fir-rigward tal-istazzjonijiet operati minn impriżi ferrovjarji stabbiliti. Sistema tal-biljetti armonizzata f'suq orjentat għall-kompetizzjoni tikkontribwixxi għall-ftuħ tas-suq. L-obbligu li jikkontribwixxu għal sistema ta' informazzjoni nazzjonali jista' jagħmel it-trasport pubbliku aktar attraenti. L-awtoritajiet lokali u reġionali għandhom ikunu involuti f'din is-sistema.

EMENDI

Il-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali jitlob lill-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu, bħala l-kumitat responsabbi, sabiex jinkludi l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

Emenda 1

Proposta għal direttiva

Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni

(14) L-għoti tad-dritt ta' aċċess għall-infrastruttura ferrovjarja fl-Istati Membri kollha lill-impriżi ferrovjarji tal-Unjoni sabiex joperaw servizzi domestiċi għall-passiġġieri jista' jkollu implikazzjonijiet għall-organizzazzjoni u l-finanzjament ta' servizzi ferrovjarji għall-passiġġieri pprovduti b'kuntratt ta' servizz pubbliku. L-Istati Membri għandu jkollhom l-għażla li jillimitaw tali dritt ta' aċċess f'każ li dan ikun jixħet friskju l-ekwilibriju ekonomiku ta' dawk il-kuntratti ta' servizz pubbliku u meta tkun ingħatat approvazzjoni mill-korp regolatorju relevanti.

Emenda

(14) L-għoti tad-dritt ta' aċċess għall-infrastruttura ferrovjarja fl-Istati Membri kollha lill-impriżi ferrovjarji tal-Unjoni sabiex joperaw servizzi domestiċi għall-passiġġieri jista' jkollu implikazzjonijiet għall-organizzazzjoni u l-finanzjament ta' servizzi ferrovjarji għall-passiġġieri pprovduti b'kuntratt ta' servizz pubbliku. L-Istati Membri għandu jkollhom l-għażla li jillimitaw tali dritt ta' aċċess f'każ li dan ikun jixħet f'riskju l-ekwilibriju ekonomiku ta' dawk il-kuntratti ta' servizz pubbliku **jew il-kwalità tas-servizz li jfornu u meta tkun ingħatat approvazzjoni mill-korp regolatorju relevanti.**

Emenda 2

Proposta għal direttiva

Premessa 18a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(18a)

Sabiex jiġi detetminat jekk il-kwalità tas-servizz fornut fil-qafas ta' kuntratt ta' servizz pubbliku hijiex affettwata minn servizz b'aċċess ħieles fuq l-istess netwerk, il-korpi regolatorji għandhom b'mod partikolari jqis u l-effetti tan-netwerk, iż-żamma tal-konnessjonijiet u l-puntwalitā.

Emenda 3

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 3

Direttiva 2012/34/UE

Artikolu 7 – paragrafu 1a (ġidid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1a. L-impriżzi integrati vertikalment li joperaw proġetti ta' investimenti speċifiċi, skont l-Artikolu 32(3) ta' din id-Direttiva, u li s-servizzi tagħhom jinsabu f'kompetizzjoni diretta ma' modi oħra ta' trasport m'għandhomx jiġu soġġetti għall-Artikolu 7 u l-anqas għall-Artikoli 7a sa 7c.

Ġustifikazzjoni

“Proġetti ta' investimenti speċifiċi”, li huma profitabbli biss fuq medda twila ġafna ta' żmien għandhom ikunu eżentati mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 7 u tal-Artikoli 7a sa 7c.

Emenda 4

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 4

Direttiva 2012/34/UE

Artikolu 7a – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3. Id-dħul tal-amministratur tal-infrastruttura ma jistax jintuża biex jiffinanzja entitajiet **legali** oħra fi ħdan l-impriżza integrata vertikalment, iżda biex jiffinanzja n-negozju tal-amministratur tal-infrastruttura, u biex **iħallsu** dividendi lis-sid **ulterjuri** tal-impriżza integrata vertikalment. L-amministratur tal-infrastruttura ma jistax jagħti self lil xi entità **legali** oħra fi ħdan l-impriżza integrata vertikalment, u l-ebda entità **legali** oħra fi ħdan l-impriżza integrata vertikalment ma tista' tagħti self lill-amministratur tal-infrastruttura. Kwalunkwe servizz offrut minn entitajiet **legali** oħrajn lill-amministratur tal-

3. Id-dħul tal-amministratur tal-infrastruttura ma jistax jintuża biex jiffinanzja entitajiet **ġuridiċi** oħra fi ħdan l-impriżza integrata vertikalment, iżda biex jiffinanzja n-negozju tal-amministratur tal-infrastruttura u biex **jitħallsu** dividendi **adegwati** lis-sid **finali** tal-impriżza integrata vertikalment. *M'għanhomx jiġu awtorizzati trasferimenti ta' profitti.* L-amministratur tal-infrastruttura ma jistax jagħti self lil xi entità **ġuridika** oħra fi ħdan l-impriżza integrata vertikalment, u l-ebda entità **ġuridika** oħra fi ħdan l-impriżza integrata vertikalment ma tista' tagħti self lill-amministratur tal-infrastruttura. Kwalunkwe servizz offrut minn entitajiet

infrastruttura għandu jkun ibbażat fuq kuntratti u għandu jitħallas bi prezziġiet tas-suq. Id-dejn attribwit lill-amministratur tal-infrastruttura għandu jkun separat b'mod ċar mid-dejn attribwit lill-entitajiet **legali** oħrajn fi ħdan impriċa integrata vertikalment, u dawn id-djun għandhom jitħallsu separatament. Il-kontijiet tal-amministratur tal-infrastruttura u tal-entitajiet **legali** l-oħrajn fi ħdan l-impriċa integrata vertikalment għandhom jinżammu b'tali mod li jkun żgurat li jiġu ssodisfati dawn id-dispożizzjonijiet u li jippermetti li jkun hemm ċirkwiti finanzjarji separati għall-amministratur tal-infrastruttura fir-rigward tal-entitajiet **legali** l-oħrajn fi ħdan l-impriċa integrata vertikalment.

ġuridiċi oħrajn lill-amministratur tal-infrastruttura għandu jkun ibbażat fuq kuntratti u għandu jitħallas bi prezziġiet tas-suq. Id-dejn attribwit lill-amministratur tal-infrastruttura għandu jkun separat b'mod ċar mid-dejn attribwit lill-entitajiet **ġuridiċi** oħrajn fi ħdan impriċa integrata vertikalment, u dawn id-djun għandhom jitħallsu separatament. Il-kontijiet tal-amministratur tal-infrastruttura u tal-entitajiet **ġuridiċi** l-oħrajn fi ħdan l-impriċa integrata vertikalment għandhom jinżammu b'tali mod li jkun żgurat li jiġu ssodisfati dawn id-dispożizzjonijiet u li jippermetti li jkun hemm ċirkwiti finanzjarji separati għall-amministratur tal-infrastruttura fir-rigward tal-entitajiet **ġuridiċi** l-oħrajn fi ħdan l-impriċa integrata vertikalment.

Ġustifikazzjoni

Il-projbizzjoni tat-trasferiment tal-profitti għandha tiġi espressa b'mod jerġa' aktar ċar fit-test. Jekk il-ħlasijiet ta' dividendi jibqgħu possibbli, id-daqs tagħhom għandu jiġi regolat. Il-ħlasijiet ta' dividendi li jammontaw għal trasferiment ta' profitti m'għandhomx jiġi approvati.

Emenda 5

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 4

Direttiva 2012/34/UE

Artikolu 7b – paragrafu 3 – l-ewwel subparagrafu

Test propost mill-Kummissjoni

3. L-amministratur tal-infrastruttura għandu jkollu Bord Superviżorju magħmul minn rappreżentanti tas-sidien finali tal-impriċa integrata vertikalment.

Emenda

3. L-amministratur tal-infrastruttura għandu jkollu Bord Superviżorju magħmul minn rappreżentanti tas-sidien finali tal-impriċa integrata vertikalment **u rappreżentanti tal-awtoritajiet lokali u reġjonali kompetenti, fil-każ li dawn ma jkunux digħi rappreżentati fih.**

Ġustifikazzjoni

L-awtoritajiet lokali u reġjonali huma l-atturi ewlenin tas-sistema ferrovjarja. Għal din ir-raġuni, huma għandhom jiġi inklużi fil-korpi deċiżjonali u superviżorji tal-amministraturi

tal-infrastruttura, li naturalment jinsabu f'pożizzjoni ta' monopolju. L-awtoritajiet territorjali huma l-element li jgħaqqad flimkien l-amministraturi u l-klijenti finali, li l-bżonnijiet tagħhom ja fuhom sew.

Emenda 6

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 4

Direttiva 2012/34/UE

Artikolu 7b – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

5. L-amministratur tal-infrastruttura
għandu jkollu l-persunal tiegħu stess u
għandu jkun ibbażat f'bini separat mill-
entitajiet **legali** l-oħrajn fi ħdan l-impriża
integrata vertikalment. L-aċċess għall-
informazzjoni għandu jkun protett biex tīgħi
żgurata l-indipendenza tal-amministratur
tal-infrastruttura. Regoli interni jew
kuntratti tal-persunal għandhom jillimitaw
b'mod ċar il-kuntratti mal-entitajiet **legali** l-
oħrajn fi ħdan l-impriża integrata
vertikalment għall-komunikazzjonijiet
uffiċjali marbutin mal-eżerċizzju tal-
funzjonijiet tal-amministratur tal-
infrastruttura li huma eżerċitati wkoll
b'rabta ma' impriżi ferrovjarji oħrajn barra
l-impriża integrata vertikalment. It-
trasferimenti ta' persunal li mhuwiex dak
imsemmi fil-punt (c) bejn l-amministratur
tal-infrastruttura u l-entitajiet **legali** l-
oħrajn fi ħdan l-impriża integrata
vertikalment għandhom ikunu possibbli
biss jekk ikun jista' jiġi għarantit li l-
informazzjoni sensittiva ma tintbagħatx
bejn entità u oħra.

Emenda

5. L-amministratur tal-infrastruttura
għandu jkollu l-persunal tiegħu stess u
għandu jkun ibbażat f'bini separat mill-
entitajiet **ġuridiċi** l-oħrajn fi ħdan l-impriża
integrata vertikalment. L-aċċess għall-
informazzjoni għandu jkun protett biex tīgħi
żgurata l-indipendenza tal-amministratur
tal-infrastruttura. Regoli interni jew
kuntratti tal-persunal għandhom jillimitaw
b'mod ċar il-kuntratti mal-entitajiet
ġuridiċi l-oħrajn fi ħdan l-impriża integrata
vertikalment għall-komunikazzjonijiet
uffiċjali marbutin mal-eżerċizzju tal-
funzjonijiet tal-amministratur tal-
infrastruttura li huma eżerċitati wkoll
b'rabta ma' impriżi ferrovjarji oħrajn barra
l-impriża integrata vertikalment. It-
trasferimenti ta' persunal li mhuwiex dak
imsemmi fil-punt (c) bejn l-amministratur
tal-infrastruttura u l-entitajiet **ġuridiċi** l-
oħrajn fi ħdan l-impriża integrata
vertikalment għandhom ikunu possibbli.
Madankollu, il-persunal ikkonċernat
huwa obbligat li jirrispetta s-sigriet
professjonal fir-rigward tal-aktivitajiet
preċedenti tiegħu, skont il-prattiki tal-liġi
kummerċjali.

Ġustifikazzjoni

*Huwa sproporzjonat u kostituzzjonalment dubjuż li wieħed jillimita daqshekk il-mobilità
interna tal-persunal ta' kumpanija. Żminijiet ta' stennija u ostakoli oħra għat-trasmissjoni
tal-informazzjoni huma suffiċjenti sabiex jipprev jenu l-informazzjoni sensittiva milli tiċċirkula
minn sussidjarju għall-ieħor. Altrimenti, dan jirriżulta f'telf sinifikanti ta' know-how u ta'*

esperienza professionali.

Emenda 7

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 4

Direttiva 2012/34/UE

Artikolu 7b – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni

7. Il-membri tal-bordijiet superviżorji jew tat-tmexxija u l-persunal superjuri tal-amministratur tal-infrastruttura ma għandu jkollhom l-ebda interess f'benefiċċju finanzjarju jew jirċievu xi wieħed, b'mod dirett jew indirett, minn xi entità **legali** oħra fi ħdan l-impriża integrata vertikalment. Elementi tar-remunerazzjoni tagħhom bbażati fuq il-prestazzjoni ma għandhomx jiddependu fuq ir-riżultati tan-negozju ta' xi entità **legali** oħra fi ħdan l-impriża integrata vertikalment jew kwalunkwe entità **legali** taħt il-kontroll tagħha, iżda b'mod esklussiv fuq dawk tal-amministratur tal-infrastruttura.

Emenda

7. Il-membri tal-bordijiet superviżorji jew tat-tmexxija u l-persunal superjuri tal-amministratur tal-infrastruttura, **kif ukoll il-persunal tiegħu li jkollu aċċess għal informazzjoni kunfidenzjali**, ma għandu jkollhom l-ebda interess f'benefiċċju finanzjarju jew jirċievu xi wieħed, b'mod dirett jew indirett, minn xi entità **ġuridika** oħra fi ħdan l-impriża integrata vertikalment. Elementi tar-remunerazzjoni tagħhom bbażati fuq il-prestazzjoni ma għandhomx jiddependu fuq ir-riżultati tan-negozju ta' xi entità **ġuridika** oħra fi ħdan l-impriża integrata vertikalment jew kwalunkwe entità **ġuridika** taħt il-kontroll tagħha, iżda b'mod esklussiv fuq dawk tal-amministratur tal-infrastruttura.

Emenda 8

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 4

Direttiva 2012/34/UE

Artikolu 7c – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Il-Kummissjoni għandha tkun intitolata li tirrikjedi t-tagħrif kollu meħtieġ, bi skadenza raġonevoli, mingħand l-Istat Membru fejn hi stabbilita l-impriża integrata vertikalment. Il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-korp jew korpi **kkonċernata** u, jekk xieraq, in-netwerk ta' korpi regolatorji msemmija fl-Artikolu 57.

Emenda

2. Il-Kummissjoni għandha tkun intitolata li tirrikjedi t-tagħrif kollu meħtieġ, bi skadenza raġonevoli, mingħand l-Istat Membru fejn hi stabbilita l-impriża integrata vertikalment. Il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-korp jew korpi **kkonċernati, l-awtoritajiet kompetenti relevanti** u, jekk xieraq, in-netwerk ta'

korpi regolatorji msemmija fl-Artikolu 57.

Ġustifikazzjoni

F'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjità u b'kunsiderazzjoni tal-karatteristiċi tas-sistema ferrovjarja, l-involviment tal-livell lokali huwa indispensabbi.

Emenda 9

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 4

Direttiva 2012/34/UE

Artikolu 7c – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3. L-Istati Membri jistgħu jillimitaw id-drittijiet ta' aċċess ipprovduti fl-Artikolu 10 għall-impriżi ferrovjarji li huma parti mill-imprizza integrata vertikalment li għaliha tappartieni l-amministratur tal-infrastruttura, jekk il-Kummissjoni tinforma lill-Istati Membri li l-ebda talba ma tkun saret skont il-paragrafu 1, jew skont l-eżami tat-talba mill-Kummissjoni, jew jekk tiddeċiedi, skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 62(2), li:

(a) ma tkun saret l-ebda tweġiba xierqa għat-talba ta' informazzjoni mingħand il-Kummissjoni skont il-paragrafu 2, jew

(b) l-amministratur tal-infrastruttura kkonċernat ma jissodisfax ir-rekwiżiti stipulati fl-Artikoli 7a u 7b, jew

(c) l-implementazzjoni ta' rekwiżiti stipulati fl-Artikoli 7a u 7b mhijiex bizzżejjed biex tiżgura kundizzjonijiet ekwi għall-impriżi finanzjarji kollha, u n-nuqqas ta' tagħwigx tal-kompetizzjoni fl-Istati Membri fejn hu stabbilt l-amministratur tal-infrastruttura kkonċernat.

Ġustifikazzjoni

Kif is-soltu jsir fil-prattika tal-liġi, f'każ li ma tkun saret l-ebda applikazzjoni għal verifikasi tal-indipendenza jew f'każ li l-Kummissjoni tkun għadha ma ddeċidietx dwar talba bħal din,

ma għandha tiġi imposta l-ebda sanzjoni. Huwa sproporzjonat li suspectt ta' ksur tar-regoli jkun suffiċċenti. Fil-każ ta' nuqqas ta' informazzjoni, l-istumenti li s-soltu jintużaw fi proċeduri ta' ksur tat-Trattati jkunu bizzżejjed. L-esklużjoni immedjata ta' impriżza, minħabba sempliċi suspect, tkun qed tikkastiga lill-impriżza b'mod preventiv u fl-aħħar tagħmel īxsara lill-kompetizzjoni.

Emenda 10 Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 4

Direttiva 2012/34/UE

Artikolu 7d – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-amministraturi tal-infrastruttura jwaqqfu u jorganizzaw Kunitati ta' Koordinazzjoni għal kull netwerk. Is-sħubija ta' dan il-kumitat għandha tkun miftuħha tal-inqas għall-amministratur tal-infrastruttura, l-applikanti magħrufa skont l-Artikolu 8(3) u, fuq talba tagħhom, l-applikanti potenzjali, l-organizzazzjonijiet li jirrappreżentawhom, ir-rappreżentanti ta' dawk li jużaw is-servizzi ta' merkanzja u ta' trasport tal-passiġġieri bil-ferrovija u, ***fejn relevanti***, l-awtoritajiet reġjonali u lokali. Ir-rappreżentanti mill-Istati Membri u l-korp regolatorju kkonċernat għandhom jiġu mistiedna għal-laqgħat tal-Kunitat ta' Koordinazzjoni bħala osservaturi.

Emenda

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-amministraturi tal-infrastruttura jwaqqfu u jorganizzaw Kunitati ta' Koordinazzjoni għal kull netwerk. Is-sħubija ta' dan il-kumitat għandha tkun miftuħha tal-inqas għall-amministratur tal-infrastruttura, l-applikanti magħrufa skont l-Artikolu 8(3) u, fuq talba tagħhom, l-applikanti potenzjali, l-organizzazzjonijiet li jirrappreżentawhom, ir-rappreżentanti ta' dawk li jużaw is-servizzi ta' merkanzja u ta' trasport tal-passiġġieri bil-ferrovija, ***ir-rappreżentanti tal-ħaddiema tas-settur ferrovjarju*** u l-awtoritajiet reġjonali u lokali rispettivi. Ir-rappreżentanti mill-Istati Membri u l-korp regolatorju kkonċernat għandhom jiġu mistiedna għal-laqgħat tal-Kunitat ta' Koordinazzjoni bħala osservaturi.

Ġustifikazzjoni

L-awtoritajiet reġjonali u lokali huma atturi importanti tal-politika tat-trasport u, għalhekk, għandhom jiġu assoċjati b'mod sistematiku u mhux biss "fejn relevanti". Hu għal din ir-ragħuni li għandhom jagħmlu parti mill-kunitat ta' koordinazzjoni.

Emenda 11

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 4

Direttiva 2012/34/UE

Artikolu 7d – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Il-Kumitat ta' Koordinazzjoni għandu jfassal ir-regoli tal-proċedura li jinkludu, b'mod partikolari, regoli dwar il-parteċipazzjoni fil-laqgħat u l-frekwenza tagħhom, li għandha tkun tal-inqas trimestrali. Ta' kull sena, għandu jiġi ppreżentat rapport tad-diskussionijiet tal-Kumitat ta' Koordinazzjoni lill-amministratur tal-infrastruttura, l-Istat Membru, il-korp regolatorju kkonċernat u l-Kummissjoni b'indikazzjoni tal-pożizzjonijiet rispettivi meħudin mill-membri tal-Kumitat.

Emenda

3. Il-Kumitat ta' Koordinazzjoni għandu jfassal ir-regoli tal-proċedura li jinkludu, b'mod partikolari, regoli dwar il-parteċipazzjoni fil-laqgħat u l-frekwenza tagħhom, li għandha tkun tal-inqas trimestrali, **kif ukoll regoli dwar konsultazzjonijiet regolari – li għandhom isiru tal-anqas darba fis-sena – mar-rappreżentanti tal-utenti tas-servizz tat-trasport tal-merkanzija u tal-passiġġieri.** Ta' kull sena, għandu jiġi ppreżentat rapport tad-diskussionijiet tal-Kumitat ta' Koordinazzjoni lill-amministratur tal-infrastruttura, l-Istat Membru, il-korp regolatorju kkonċernat u l-Kummissjoni b'indikazzjoni tal-pożizzjonijiet rispettivi meħudin mill-membri tal-Kumitat.

Emenda 12

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 4

Direttiva 2012/34/UE

Artikolu 7d – paragrafu 3a (ġidid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3a. L-amministratur tal-infrastruttura għandu jaħtar rappreżtant, minn fost il-persunal tiegħu, li jkun responsabbli għar-relazzjonijiet mal-awtoritajiet lokali u reġjonali. Dak ir-rappreżtant għandu jkun f'pożizzjoni li jwieġeb, f'isem l-amministratur tal-infrastruttura, għall-mistoqsijiet ta' awtorità lokali jew reġjonali fi żmien ħamest ijiem.

Ġustifikazzjoni

It-tišħiħ tal-poteri tal-amministraturi tal-infrastruttura għandu jkun akkumpanjat minn responsabbiltà ikbar għalihom fuq livell internazzjonali, permezz tan-netwerk tal-amministraturi tal-infrastruttura, imma anke fuq livell lokali. Ir-rappreżtant, li jaġixxi ta' punt ta' kuntatt ċentrali, għandu jkun f'pożizzjoni li jwieġeb fil-pront għall-mistoqsijiet tal-awtoritajiet lokali u reġjonali.

Emenda 13

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 4 Direttiva 2012/34/UE

Artikolu 7e – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-Istati Membri għandhom **jiżguraw** li l-amministraturi tal-infrastruttura jieħdu sehem u jikkooperaw f'netwerk biex jiżviluppaw l-infrastruttura ferrovjarja tal-Unjoni, b'mod partikolari biex jiżguraw implementazzjoni fil-ħin u effiċjenti tan-netwerk tat-trasport trans-Ewropew, inklużi l-kurituri ewlenin tan-netwerk, il-kurituri tal-merkanzija bil-ferrovija skont ir-Regolament (UE) Nru 913/2010, u l-pjan ta' skjerament tas-Sistema Ewropea ta' Ġestjoni tat-Traffiku Ferrovjajru (ERTMS) stabbilit bid-Deċiżjoni 2012/88/UE.

Emenda

1. **Fi żmien sentejn mill-implementazzjoni ta' din id-Direttiva,** l-Istati Membri għandhom **jesiġu** li l-amministraturi tal-infrastruttura jieħdu sehem u jikkooperaw f'netwerk biex jiżviluppaw l-infrastruttura ferrovjarja tal-Unjoni, b'mod partikolari biex jiżguraw implementazzjoni fil-ħin u effiċjenti tan-netwerk tat-trasport trans-Ewropew, inklużi l-kurituri ewlenin tan-netwerk, il-kurituri tal-merkanzija bil-ferrovija skont ir-Regolament (UE) Nru 913/2010, il-pjan ta' skjerament tas-Sistema Ewropea ta' Ġestjoni tat-Traffiku Ferrovjajru (ERTMS) stabbilit bid-Deċiżjoni 2012/88/UE, **kif ukoll l-effikaċja ta' kooperazzjoni reġjonali transkonfinali fi ħdan it-trasport ferrovjarju.**

Ġustifikazzjoni

In-Netwerk Ewropew ta' Amministraturi tal-Infrastruttura se joħloq il-possibilità li jiġu indirizzati b'mod determinat il-problemi tal-operat tat-trasport ferrovjarju transkonfinali fil-livell xieraq.. L-awtoritatiet lokali għandhom ikunu involuti wkoll.

Emenda 14

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 4

Direttiva 2012/34/UE

Artikolu 7e – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Il-Kummissjoni tista' **tadotta miżuri li jiistabbilixxu l-prinċipji u l-prattiki komuni tan-Netwerk, b'mod partikulari biex tiżgura konsistenza fil-valutazzjoni komparattiva, u l-proċeduri li għandhom jiġu segwiti għall-kooperazzjoni fin-**

Emenda

Il-Kummissjoni tista', **fejn ikun meħtieġ, tifformula proposti leġiżlattivi li jkollhom il-għan li jtejbu l-kooperazzjoni bejn l-amministraturi tal-infrastruttura li jkunu membri fin-Netwerk.**

Netwerk. Dawn il-miżuri għandhom jiġu adottati permezz ta' att implemantattiv skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 62(3)."

Emenda 15

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 6 – sottopunt a

Direttiva 2012/34/UE

Artikolu 11 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

'1. L-Istati Membri jistgħu jillimitaw id-dritt ta' aċċess stipulat fl-Artikolu 10(2) għal servizzi tal-passiġġieri bejn post ta' tluq partikolari u destinazzjoni fejn **kuntratt pubbliku ta' servizzi** wieħed jew iktar ikopru l-istess rottaw jew rottaw alternattiva jekk l-eżerċizzju ta' dan id-dritt jixħet friskju l-ekwilibriju ekonomiku ta' **kuntratt pubbliku ta' servizz.**";

Emenda

'1. L-Istati Membri jistgħu jillimitaw id-dritt ta' aċċess stipulat fl-Artikolu 10(2) għal servizzi tal-passiġġieri bejn post ta' tluq partikolari u destinazzjoni fejn **kuntratt ta' servizz pubbliku** wieħed jew iktar ikopru l-istess rottaw jew rottaw alternattiva jekk l-eżerċizzju ta' dan id-dritt jixħet friskju l-ekwilibriju ekonomiku ta' **kuntratt ta' servizz pubbliku jew jekk jitfa' lura l-kwalità tas-servizz provdut.**

Emenda 16

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 6 – sottopunt b

Direttiva 2012/34/UE

Artikolu 11 – paragrafu 2 – subparagraphu 1 – parti introduttori

Test propost mill-Kummissjoni

"Sabiex jistabbilixxi jekk l-ekwilibriju ekonomiku ta' **kuntratt pubbliku ta' servizz** huwiex sejkun kompromess, il-korp jew korpi regolatorji relevanti msemmija fl-Artikolu 55 għandhom jagħmlu analiżi ekonomika oġġettiva u għandhom jibbażaw id-deċiżjoni tagħhom fuq il-bażi ta' kriterji deċiżi minn qabel. Għandhom jistabbilixxu dan wara talba mingħand kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin, ippreżentata fi żmien **xahar** mill-informazzjoni fuq is-servizz ippjanat għall-

Emenda

"Sabiex jistabbilixxi jekk l-ekwilibriju ekonomiku ta' **kuntratt ta' servizz pubbliku** huwiex sejkun kompromess, il-korp jew korpi regolatorji relevanti msemmija fl-Artikolu 55 għandhom jagħmlu analiżi ekonomika oġġettiva u għandhom jibbażaw id-deċiżjoni tagħhom fuq il-bażi ta' kriterji deċiżi minn qabel, **filwaqt li jqis u l-effett kumulattiv tas-servizzi fornuti f'aċċess ħieles.** Għandhom jistabbilixxu dan wara talba mingħand kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin,

passiġġieri msemmi fl-Artikolu 38(4):

ippreżentata fi żmien *xahrejn* mill-informazzjoni fuq is-servizz ippjanat għall-passiġġieri msemmi fl-Artikolu 38(4):

Emenda 17

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 7

Direttiva 2012/34/UE

Artikolu 13a – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Bla īxsara għar-Regolament (KE) Nru 1371/2007 u għad-Direttiva 2010/40/UE, l-Istati Membri **jistgħu** jitkolu lill-impriżi ferrovjarji li joperaw servizzi domestiċi għall-passiġġieri sabiex jieħdu sehem fi skema komuni ta' informazzjoni u skema integrata ta' bejgħ ta' biljetti għall-forniment ta' biljetti normali, biljetti li jinkludu t-trażbord u riżervazzjonijiet, jew jiddeċiedu li jagħtu s-setgħa lill-awtoritajiet kompetenti biex jistabbilixxu tali skema. **Jekk tiġi stabilita** tali skema, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li din ma toħloqx tagħwiġ fis-suq jew tiddiskrimina bejn impriżi ferrovjarji, u li hija amministrata minn entità **legali** pubblika jew privata jew assoċjazzjoni tal-impriżi ferrovjarji kollha li joperaw servizzi għall-passiġġieri.

Emenda

1. Bla īxsara għar-Regolament (KE) Nru 1371/2007 u għad-Direttiva 2010/40/UE, l-Istati Membri **jistgħu** jitkolu lill-impriżi ferrovjarji li joperaw servizzi domestiċi għall-passiġġieri sabiex jieħdu sehem fi skema komuni ta' informazzjoni u skema integrata ta' bejgħ ta' biljetti għall-forniment ta' biljetti normali, biljetti li jinkludu t-trażbord u riżervazzjonijiet, jew jiddeċiedu li jagħtu s-setgħa lill-awtoritajiet kompetenti biex jistabbilixxu tali skema. **Meta tkun qed** tiġi stabilita tali skema, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li din ma toħloqx tagħwiġ fis-suq jew tiddiskrimina bejn **l-impriżi** ferrovjarji, u li hija amministrata minn entità **ġuridika** pubblika jew privata jew assoċjazzjoni tal-impriżi ferrovjarji kollha li joperaw servizzi għall-passiġġieri. **Ir-rappreżentanti tal-awtoritajiet lokali u regionali għandhom ikunu preżenti fi ħdan din l-entità ġuridika jew din l-assoċjazzjoni u jipparteċipaw b'mod sħiħ fid-deċiżjonijiet tagħha.**

Ġustifikazzjoni

Ir-reġjuni ta' spiss jirrappurtaw problemi fis-sistemi tal-ħruġ tal-biljetti fl-istazzjonijiet operati minn impriżi ferrovjarji stabiliti. L-ġhan tar-reġjuni huwa li jarmonizzaw is-sistemi tal-ħruġ tal-biljetti fi ħdan suq orjental għall-kompetizzjoni. L-obbligu ta' parteċipazzjoni f'sistema ta' informazzjoni nazzjonali jista' jikkontribwixxi biex it-trasport pubbliku jsir aktar attraenti. L-awtoritajiet lokali għandhom, f'dan il-kuntest, ikunu preżenti fi ħdan il-korpi amministrattivi ta' din is-sistema.

Emenda 18

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 8

Direttiva 2012/34/UE

Artikolu 38 – paragrafu 4

Test propos mill-Kummissjoni

'4. Meta applikant ikun beħsiebu jitlob kapaċità tal-infrastruttura biex jopera servizz għall-passiġġieri, għandu jgħarraf lill-amministraturi tal-infrastruttura u lill-korpi regolatorji kkonċernati, mhux inqas minn **18-il** xahar qabel id-dħul fis-seħħħ tal-iskeda ta' żmien operattiva li magħha tkun marbuta t-talba għall-kapaċitā. Sabiex il-korpi regolatorji kkonċernati jkunu jistgħu jivvalutaw l-impatt ekonomiku potenzjali fuq il-kuntratti ta' servizz pubbliku eżistenti, il-korpi regolatorji għandhom jiżguraw li kwalunkwe awtorità kompetenti li tat servizz ferrovjarju għall-passiġġieri fuq dik ir-rotta ddefinita f'kuntratt ta' servizz pubbliku, kwalunkwe awtorità kompetenti interessata oħra bi dritt li tillimita l-aċċess skont l-Artikolu 11 u kwalunkwe impriża ferrovjarja li twettaq il-kuntratt ta' servizz pubbliku fuq ir-rotta ta' dak is-servizz għall-passiġġieri tiġi mgħarrfa mingħajr dewmien żejjed u mhux iktar tard minn ħamest ijiem wara."

Emenda

'4. Meta applikant ikun beħsiebu jitlob kapaċità tal-infrastruttura biex jopera servizz għall-passiġġieri, għandu jgħarraf lill-amministraturi tal-infrastruttura u lill-korpi regolatorji kkonċernati, mhux inqas minn **12-il** xahar qabel id-dħul fis-seħħħ tal-iskeda ta' żmien operattiva li magħha tkun marbuta t-talba għall-kapaċitā. Sabiex il-korpi regolatorji kkonċernati jkunu jistgħu jivvalutaw l-impatt ekonomiku potenzjali fuq il-kuntratti ta' servizz pubbliku eżistenti, il-korpi regolatorji għandhom jiżguraw li kwalunkwe awtorità kompetenti li tat servizz ferrovjarju għall-passiġġieri fuq dik ir-rotta ddefinita f'kuntratt ta' servizz pubbliku, kwalunkwe awtorità kompetenti interessata oħra bi dritt li tillimita l-aċċess skont l-Artikolu 11 u kwalunkwe impriża ferrovjarja li twettaq il-kuntratt ta' servizz pubbliku fuq ir-rotta ta' dak is-servizz għall-passiġġieri tiġi mgħarrfa mingħajr dewmien żejjed u mhux iktar tard minn ħamest ijiem wara."

Emenda 19

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 1a (ġidid)

Direttiva 2012/34/UE

Artikolu 56 – paragrafu 1 – punti h u i (ġoddha)

Test propos mill-Kummissjoni

Emenda

8a. Fl-Artikolu 56(1), jiżdiedu l-punti li ġejjin:

- (h) xogħol ta' manutenzjoni skedat;**
- (i) xogħol ta' manutenzjoni mhux**

skedat;”

PROĊEDURA

Titolu	Emenda tad-Direttiva 2012/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 li tistabbilixxi żona ferrovjarja unika Ewropea, fir-rigward tal-ftuħ tas-suq tas-servizzi tat-trasport ferrovjarju domestiku tal-passiġġieri u l-governanza tal-infrastruttura ferrovjarja
Referenzi	COM(2013)0029 – C7-0025/2013 – 2013/0029(COD)
Kumitat responsabbi Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	TRAN 7.2.2013
Opinjoni mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	REGI 7.2.2013
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Joachim Zeller 19.2.2013
Data tal-adozzjoni	14.10.2013
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: -: 0: 29 0 3
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Luís Paulo Alves, Francesca Barraciu, Victor Boştinaru, Nikos Chrysogelos, Danuta Maria Hübner, María Irigoyen Pérez, Seán Kelly, Mojca Kleva Kekuš, Constanze Angela Krehl, Petru Constantin Luhan, Iosif Matula, Jan Olbrycht, Wojciech Michał Olejniczak, Georgios Stavrakakis, Nuno Teixeira, Lambert van Nistelrooij, Oldřich Vlasák, Kerstin Westphal, Hermann Winkler, Joachim Zeller
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Andrea Cozzolino, Cornelia Ernst, Catherine Grèze, Karin Kadenbach, Maurice Ponga, Elisabeth Schroedter, Richard Seeber, Patrice Tirolien, Giommaria Uggias, Derek Vaughan
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Edvard Kožušník, Ivana Maletić